MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Numru. 55/2012

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi huwa zzewweg lill-intimata fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001) – Certifikat taz-zwieg anness Dok A;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwat is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ppubblikat in atti Nutar Dottor Peter Fleri Soler datat tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru 2009 – kopja annessa Dok B;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom wild minorenni, R B li twieldet fis-sittax (16) ta’ Lulju tas-sena elfejn u wiehed (2001), u l-manteniment dovut ghaliha, dejjem gie mhallas;

Illi l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jircievu l-manteniment minghand xulxin;

Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati sa mill-ahhar tas-sena elfejn u wiehed (2001) u ghaldaqstant ghaddew ferm aktar minn erbgha snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jinkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

Tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata C B bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Frar, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi ir-rikorrent igguramenta ir-rikors promotur tieghu;

L-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta;

Illi fis-seduta tat-28 ta’ Marzu 2012 dehret Dr Rachael Bonello ghall-intimata;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-Qorti rat illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg gew sodisfatti peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Marco Burlo' tat-23 ta' Settembru 2009 u ilhom separati "de facto" sa mill-ahhar tas-sena 2001;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jircievu manteniment minghand xulxin u illi l-manteniment dovut ghall-bint minorrenni R B dejjem thallas;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------